Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

Data tal-laqgħa: 27 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fl-4.30pm peress li l-Kunsill iltaqa' ma' żewġ residenti minn Triq Sisner li talbu biex issir *MC Bay* fit-triq u meta kienet ser issir ix-xogħol twaqqaf peress li kien hemm xi residenti mill-istess triq li oġġezzjonaw.

Il-laqgħa tal-lum ma ġietx imxandra *online* peress li kien hemm problemi tekniċi fuq is-servizz tal-*internet.*

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

19.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 18. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

19.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 19.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

19.3.1 Para 18.3.1 – Wied Ħal Balzan
Is-SE infurmat li wara li l-Kunsill talab biex jiġi stabbilit x'hemm bżonn li jsir u l-ispiża, WSC infurmawna li se jżommuna aġġornati dwar il-materja. Is-SE ser tibgħat *reminder*.

19.3.2 Para 18.3.2 - Taħrika ta' Xhud – Triq it-Tliet Knejjes
Is-SE qalet li nfurmat lill-pulizija li m'għadx hemm interess li jipproċedi peress li l-kwistjoni ssolviet u għalhekk il-kawża ser tiġi rtirata.

19.3.3 Para 18.4.4 - *Traffic Island* f'Wied Ħal Balzan k/m Triq il-Kbira
Il-Kunsillier Stephen Gatt staqsa dwar kif bqajna fuq it-*traffic island.* Is-Sindku infurma lit-talba ġiet approvata minn TM. Is-Sindku qal ukoll li peress li l-Kunsill talab li ssir siġra fit-*traffic Island,* TM qed jitolbu li ssir pjanta ta' kif qed tiġi ppjanata. Is-SE ser tinfurma lill-Perit biex jipprepara l-pjanta mitluba.

19.3.4.1 Para 18.14.2 – Tisbiħ tal-*playing field*
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi żviluppi. Is-Sindku infurma li l-ġimgħa d-dieħla se jerġa' jiltaqgħu mal-Perit fuq il-pjanti tal-proġett.

19.3.4.2 Dwar l-ATMs, is-SE għamlet kuntatt mal-banek (Lombard, APS, BOV, HSBC, BNF u MED Bank), fejn infurmathom bil-proġett, u jekk huma nteressati li jinstallaw ATM, sal-25 ta' Awwissu 2020 jibgħatulna l-i*specifications,* flimkien mal-ammont li lesti li jħallsu fix-xahar. Is-SE infurmat li BNF infurmaw li ATMs jiġu installati mal-*branch* biss, MED Bank infurmaw li mhux interessati u l-banek l-oħra ma taw l-ebda risposta.

19.3.5 Para 18.13 - Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla
Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi żviluppi. Is-Sindku qal li qabel ma jitkellem mar-residenti, ser jiltaqa' mal-Perit biex jaġġorna l-pjanti biex ikun jista' jsir l-proġett ta' *embellishment* minflok it-*traffic island.*

## 19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.4.1 *Tower crane* fi Triq Birbal
Is-Sindku infurma lit-*tower crane* tneħħa, però l-bażi tiegħu tħalliet hemm. Is-SE infurmat li hemm permess għal nhar is-Sibt li ġej biex titneħħa l-bażi. Is-Sindku talab biex ninfurmaw lill-kuntrattur sabiex ineħħi wkoll it-tabelli li kienu twaħħlu. Ser titella' *post* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill biex in-nies ikunu avżati bil-ħinijiet tal-għeluq tat-triq.

19.4.2 Għassa tal-pulizija

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li għada għandu l-laqgħa ta' kull xahar mal-pulizija u ser jinfurma lis-Supretendent li l-għassa ta' Ħal Balzan qed tkun magħluqa.

19.4.3 *Road humps*

Is-Sindku qal li diversi Kunsilli qed jinstallaw *road humps* tal-metal li jgħaddi l-ilma minnhom (peress li fihom it-toqob) u jagħmlu inqas storbju. Is-Sindku talab li nġiebu kwotazzjoni ta' dawn it-tip ta' *road humps* biex meta jkunu ser jinbidlu qed jinqalgħu, isiru minn dawn tal-metal.

19.4.4 *Speed Cushions* fi Triq it-Tliet Knejjes

Is-Sindku qal li resident infurmah li hemm approvazzjoni tal-PA biex jiġu installati *speed cushions* fejn ir-residenza tiegħu. Ser jiġi ċċekkjat il-permess u ser inġiebu kwotazzjoni biex tiġi installata *speed cushion* qabel il-garaxx tar-resident.

19.4.5.1 Skema ta' restawr ta' monumenti lokali

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ħarġet skema ta' restawr ta' monumenti lokali. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir l-istatwa ta' Santa Marija. Din l-iskema tiffinanzja sa 60% tal-ispiża u jistgħu japplikaw għaliha VOs reġistrati flimkien mal-knisja (parroċċa).

19.4.5.2 Is-Sindku qal li jekk il-parroċċa, flimkien mal-Każin San Gabriel (l-unika VO reġistrata f'Ħal Balzan) jaċċettaw li japplikaw għal din l-iskema, ir-restawratur James Licari lest li jipprepara studju dettaljat ta' x'hemm bżonn li jsir fuq l-istatwa u jħejji stima tal-ispejjeż. Din tiġi ppreżentata lill-Kunsill biex skond kemm hi l-ispiża, jiġi approvat il-ħlas tal-kumplament (40%).

19.4.5.3 Il-Kunsillier Stephen Gatt ser jitkellem ma' dawk kollha ikkonċernati sabiex tiġi ppreparata u sottomessa l-applikazzjoni mil-knisja flimkien mal-Każin.

19.4.6.1 Tħawwil ta' siġar f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina

Is-Sindku qal li xi residenti reġgħu semmew il-proġett propost mill-Kunsill ta' tħawwil ta' siġar f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. Is-Sindku qal li l-amministrattiv tal-Kunvent kienu qalu lit-triq flimkien mal-bankina huma proprjetà tagħhom u li l-Kunsill ma jista' jagħmel l-ebda proġett mingħajr l-approvazzjoni tagħhom.

19.4.6.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tinfurma lill-Perit biex jiċċekkja jekk it-triq kienitx ġiet formalment esproprjata mill-Gvern. Jekk ir-risposta tkun fil-pożittiv, il-Kunsill ikun jista' jibda jaħdem fuq dan il-proġett. L-eks-Kunsillier Daniel Muscat Caruana kien diġà ħejja pjanta tal-proġett.

19.4.7 Donazzjoni ta' maskri

Is-Sindku infurma li l-Ambaxxata Ċiniża tat donazzjoni ta' 2,000 maskra lill-Kunsill. Dawn ser jitqassmu fuq bażi ta' *first come first served* lir-residenti Balzanin li fir-residenza tagħhom hemm persuna li għandha aktar minn 60 sena. Dawk eliġibbli għandhom jiġbru pakkett ta' għaxar maskri (pakkett wieħed kull residenza) mill-uffiċċju tal-Kunsill, fuq preżentazzjoni tal-karta tal-identità.

## 19.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

19.5.1 Sessjonijiet Informattivi offruti mis-*Central Bank*

Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef staqsa dwar jekk il-Kunsill jaqbilx li jiġu organizzati sessjonijiet informattivi għar-residenti, li qed jiġu offruti mis-Central Bank b'xejn. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

19.5.2 Tindif ta' spralli

Is-Sindku talab li jiġu mnaddfa l-ispralli qabel ma tagħmel ix-xita. Is-SE infurmat li l-ġimgħa d-dieħla l-ħaddiema ser inaddfu l-ispralli li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Apparti minn hekk ser nibgħatu email lill-IM biex infakkruhom inaddfu l-ispralli ta' Vjal De Paule, Triq Birbal u Wied Ħal Balzan.

19.5.3 Qtugħ ta' ħaxix ħażin

Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano infurma li hemm bżonn jinqata' ħaxix ħażin minn Triq B. Bontadini, Triq il-Karenza u Triq il-Qarċilla. Ġie rrimarkat lis-servizz tal-knis mhux qed isir kif mistenni.

## 19.6 Rapporti

19.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 19.7 Vakanza ta' Skrivan (Skala 15 – *full-time*)

19.7.1 Is-SE infurmat li fl-10 ta' Awwissu 2020 inħarġet is-sejħa mal-Jobsplus, fejn il-persuni eliġibbli li kienu fil-lista provduta kellhom sal-20 ta' Awwissu 2020 biex japplikaw. Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva 15 -il applikazzjoni u l-intervisti ser isiru nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2020.

## 19.8 Jum Ħal Balzan 2020

19.8.1 Nominazzjonijiet għall-Premju Ġieħ Ħal Balzan 2020
Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Lokali
Il-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano innomina lill-Marco Bartolo għal kontribut siewi li ta lir-raħal tul is-snin kemm mil-lat ta' drama kif ukoll permezz tal-ħiliet tiegħu f'dak li jirrigwarda r-restawr ta' statwi u oġġetti oħrajn ta valur artistiku. Il-Kunsillier Mary Louise Briffa issekondat. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

19.8.2 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali
Il-Sindku innomina lill-Dr Jonathan Joslin għall-kontribut kbir fil-kamp mediku. Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef issekonda. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

19.8.3 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali
Is-Sindku innomina lill-aħwa Keith u Garth Galea għas-suċċessi illi kisbu u għadhom qed jiksbu fil-kamp sportiv. Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef issekonda. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

19.8.4 Is-Sindku xtaq jiċċara li, kif maqbul mill-Kunsill, Ġieħ lill-eks-Kunsilliera jingħata wara li ssir l-Elezzjoni Ġenerali li jmiss. Dan għaliex hemm iċ-ċans li eks-Kunsilliera jistgħu jerġgħu jkunu membri tal-Kunsill, fl-eventwalità li xi kunsilliera ser jikkontestaw u jistgħu jiġu eletti.

19.8.25 Il-Kunsill qabel li d-data kif ukoll il-programm għal Jum Ħal Balzan jiġu deċiżi aktar 'il quddiem, jiddependi kif tkun is-sitwazzjoni tal-COVID-19.

## 19.9 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

19.9.1.1 Skema Finanzjarja Numru 1/2020 – Twettieq ta' Proġetti mill-Kunsilli Lokali
Ġiet innutata skema finanzjarja numru 1/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €34,000 biex isiru proġetti innovattivi.

19.9.1.2 Issemmew numru ta' proġetti li jistgħu isiru fosthom l-*embellishment* tar-*roundabout* ta' Triq l-Għerusija, dawl li jixgħel il-kampnar u l-irranġar tad-dwal ta' fuq iz-zuntier tal-knisja. Din l-iskema tiġi diskussa aktar 'il quddiem sabiex jiġi deċiż xi proġett/i se jsir/u.

19.9.2.1 **Skema Finanzjarja Numru 2/2020 – Rimbors ta' spejjeż għas-servizz ta' Perit għal proġett *'SLOW STREETS'***
Ġiet innutata skema finanzjarja numru 2/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura l-ispejjeż li jkunu saru għas-servizz tal-Perit għal proġett '*SLOW STREETS*', sa massimu ta' €3,000.

19.9.2.2 Is-SE fakkret li fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsill qabel li ma jipparteċipax f'dan il-proġett minħabba l-ispiża eċċessiva. Għalkemm inħarġet din l-iskema li tkopri ammont sostanzjali mill-ispiża, il-Kunsill mhux ser jipparteċipa għax fil-lokalità m'hawnx żoni fejn jista' jiġi implimentat dan il-proġett.

19.9.3.1 Skema Finanzjarja Numru 5/2020 – Xiri jew Kiri ta' Tiżjin tal-Milied 2020
Ġiet innutata skema finanzjarja numru 5/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €3,000 fuq spejjeż ta' xiri jew kiri ta' dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2020.

19.9.3.2 Is-SE se tippreżenta kwotazzjonijiet biex jintrama dawl dekorattiv f'numru ta' toroq fil-laqgħa li jmiss.

19.9.4.1 Skema Finanzjarja Numru 6/2020 – Avvenimenti Soċjo Kulturali
Ġiet innutata skema finanzjarja numru 6/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €10,000 fuq spejjeż relatati ma' avvenimenti soċjo kulturali organizzati mill-Kunsill.

19.9.4.2 Fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill qabel li jsir kunċert (*string musicians* u xi kantant/a) għal żmien il-Milied u wara jkun hemm *drinks* / *high tea*. Dan il-kunċert qed jiġi immirat li jsir għal żmien l-Għid minflok fil-Milied, ovvjament skond kif tkun is-sitwazzjoni tal-COVID-19. Din l-attività tista' ssir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2021.

## 19.10 Ġbir ta' skart

19.10.1.1 <u>Skart imħallat u organiku</u>
Il-Viċi Sindku infurma li ta' kuljum qed jidħlu madwar 3 - 4 ilmenti fuq ġbir ta' skart (boroż ma jinġabrux). Il-maġġoranza tal-ilmenti huma ġustifikati. Hemm ilmenti wkoll fuq il-ġbir ta' skart organiku peress li ta' sikwit qed jinġabar tard wara nofsinhar minflok filgħodu.

19.10.1.2 Se ninfurmaw lill-*Contracts Manager* sabiex tittieħed azzjoni.

19.10.2.1 <u>Skart riċiklabbli</u>
Qed jidħlu diversi ilmenti fuq kaxxi tal-kartun li mhux qed jinġabar. Is-Sindku qal li ġieli jkun hemm każi li l-kaxxi jkunu mimlijin b'xi skart ieħor (bħal *geaser* jew injam). Dawn ovvjament ma jistgħux jinġabru u r-residenti jridu jċemplu l-Kunsill biex jagħmlu appuntament biex jinġabru mill-kollettur tal-*bulky refuse*.

19.10.2.2 Ġie innutat li hemm bżonn li l-Greenpak joħorġu *flier* informattiv dwar kif għandu jinħareġ u x'jista' jinġabar f'din il-kollezzjoni. Dan biex ir-residenti jkollhom stampa ċara.

19.10.3.1 <u>Ħġieġ</u>
Greenpak bagħtu *flier* dwar kif ir-resident għandhom joħorġu l-ħġieġ għal kollezzjoni li ssir l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Il-ħġieġ irid jibda jinħareġ f'kontenituri li jistgħu jerġgħu jintużaw. Ħġieġ f'kaxxi tal-kartun / basktijiet mhux ser jinġabru.

19.10.3.2 Il-Kunsill irrimarka li din ser toħloq inkonvenjent kbir. Il-Kunsill iltaqa' ma' rappreżentanti tal-Greenpak u sfortunatament ma jista' jsir xejn biex tinbidel din il-proċedura l-ġdida.

## 19.11 Attivitajiet għal żmien il-Milied

19.11.1 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li tkellmet ma' rappreżentant tal-Każin Marija Annunzjata, u kkonferma li kieku jkunu nteressati li l-banda tiegħu sehem f'xi attività fi żmien il-Milied.

19.11.2 Il-Kunsill se jiddiskuti x'attività tista' tiġi organizzata aktar 'il quddiem għax kollox ser jiddependi mis-sitwazzjoni tal-COVID-19.

## 19.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

19.12.1.1 <u>Direttiva 4/2020 – Użu tal-*Internet Banking*</u>
Ġiet innutata Direttiva 4/2020 – Użu tal-*Internet Banking* mibgħuta mid-DGL.

19.12.1.2 Il-Kunsill, permezz ta' riżoluzzjoni unananimament qed jawtroizza l-użu tal-*Internet Banking* għal tranżazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill.

19.12.1.3 Il-Kunsill approva wkoll li jiġi krejat *user* ieħor biex l-Uffiċjal Eżekuttiv tkun tista' tipprepara t-tranżazzjonijiet fuq l-*Internet Banking* biex jiġu approvati mis-Sindku u s-SE.

19.12.2.1 <u>Direttiva 5/2020 – Depożitu ta' Flus fil-Banek</u>
Ġiet innutata Direttiva 5/2020 – Depożitu ta' Flus fil-Banek mibgħuta mid-DGL.

19.12.2.2 Il-Kunsill għandu jiftaħ kont bankarju bit-titlu *'LC Other Entities Account'* biex jiddepożita l-flus kontanti li jinġabru għan-nom tal-entitajiet jew aġenziji tal-Gvern bħal LESA, Lands u MTA separatement mill-flus li jkunu ngħabru għall-Kunsill (permessi). Dan il-kont għandu jkollu bilanċ ta' €100, li dan l-ammont għandu jservi biex jagħmel tajjeb għall-muniti li ma jkunux jistgħu jiġu depożitati minħabba li ma jkunux laħqu l-minimu ta' muniti stabbilit mill-Bank. Il-Kunsill irid imbagħad jagħmel it-trasferimenti meħtieġa lill-entitajiet rispettivi minn dan il-kont permezz tal-*Internet Banking.*

19.12.2.3 Peress li l-kontijiet bankarji ta' dawn l-entitajiet huma mal-BOV, l-*accountant* tal-Kunsill issuġġerixxa li l-kont *'LC Other Entities Account'* jinfetaħ mal-istess bank biex il-Kunsill jiffranka mill-*bank charges* ta' kull trasferiment li jsir lill-entitajiet.

19.12.2.4 L-*accountant* issuġġerixxa wkoll li l-Kunsill ikollu l-kontijiet kollha ma' bank wieħed. F'dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament approva li jinfetaħ il-kont bankarju bit-titlu *'LC Other Entities Account'* mal-BOV, kif ukoll jitwaqqfu gradwalment il-kontijiet li l-Kunsill għandu mal-HSBC u jinbeda l-proċess biex jinfetħu kontijiet simili mal-BOV.

19.12.3.1 *LC Care Project Grant Scheme* - SPI/SCI/09/2019
Xiri ta' *cat shelters*
Is-SE infurmat li l-*Animal Health & Welfare Department* m'approvax ix-xiri tal-*cat shelters* tal-injam għax huwa poruż u jista' jassorbi l-ħmieġ, *bacteria* jew forom attivi ta' parassiti, u għalhekk talbu li jinstabu *cat shelters* b'materjal diżinfettabbli.

19.12.3.2 Is-SE ressqet kwotazzjoni mingħand Borg Cardona & Co Ltd (minn fejn kienu ser jinxtraw tal-injam) ta' *cat shelters* tal-plastik (2 qisien differenti). Il-Kunsill approva x-xiri ta' 2 *shelters* kbar (€125 -il waħda).

19.12.3.3 Xiri ta' *separators* għar-*recovery cages*
Is-SE infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li jinxtraw 4 *separators* (€8.75 -il waħda) biex jitwaħħlu fir-*recovery cages* li għadhom kemm inxtraw. Il-Kunsill approva li jinxtraw.

19.12.4 Talba biex issir *Motorcycle Bay* fi Triq Sisner
Din it-talba ġiet diskussa qabel ma bdiet il-laqgħa. Il-Kunsill approva li ssir *MC Bay* fejn dar nru. 6. Se jiġu emendati s-sinjali preżenti u ssir *MC Bay* u *parking bay* twila miftuħa.

19.12.5.1 *Wifi Internet Hotspots*
Ġiet innutata ittra mibgħuta minn Tech.mt dwar *Wifi Internet Hotspots* f'postijiet pubbliċi. Is-SE infurmat li preżentament fil-lokalità hawn dan is-servizz f'4 postijiet (fl-uffiċċju, fil-pjazza, Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes u fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn is-siġra tal-ficus). Dan is-servizz huwa ffinanzjat mill-gvern ċentrali u jekk il-Kunsill jixtieq iżid f'żoni oħra, hemm spiża ta' €370 (25Mps) jew €720 (35Mps) fis-sena.

19.12.5.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niċċekkjaw jekk nistgħux immexxu s-servizz ta' Wied Ħal Balzan għal Triq il-Kbira (bankina quddiem Smugglers). Jekk dan huwa possibbli, il-Kunsill qabel li jiġi nstallat servizz ġdid (€370 fis-sena) f'Wesgħa Ġiġi Gauci.

19.12.5.3 Jekk dan mhux possibbli, il-Kunsill qabel li jiġi nstallat servizz ġdid (€370 fis-sena) fi Triq il-Kbira (bankina quddiem Smugglers).

19.12.6.1 *Un/Loading Bay* quddiem Black Box f'Wied Ħal Balzan
Sid il-ħanut qed jitlob li jiġi estiż il-ħin ta' din l-*un/loading bay.* Preżentament din qiegħda bejn it-8.30am u s-1.00pm. Dan il-ħanut fost il-ġimgħa jiftaħ minn 12.00pm sas-7.00pm u s-Sibt mid-9.00am sas-1.00pm u għalhekk din tista' tiġi użata għal siegħa biss minn Black Box.

19.12.6.2 Is-SE infurmat li TM ikkonfermaw li din hija *communal un/loading bay* li tista' tintuża mill-ħwienet kollha tal-akwati. Is-SE qalet ukoll li TM approvat dawk il-ħinijiet peress li hemm problema ta' parkeġġ f'dik iż-żona.

19.12.6.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jitlob estensjoni ta' siegħa peress li hemm problema ta' nuqqas ta' parkeġġ.

19.12.7.1 *Timed Parking* f'Wied Ħal Balzan
Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li sid ta' ħanut qed jilmenta li l-*car dealer* qed jokkupa l-*parking bays (timed parking)* kollha bil-karozzi li jkollu għall-bejgħ.

19.12.7.2 Is-SE qalet li din hija kwistjoni ta' *enforcement* u irrapurtat il-każ lill-LESA. Sfortunatament, il-Kunsill ma jistax jin Qalet ukoll li sid il-ħanut ġie nfurmat b'dan.

19.12.8 Ċirkulari AKL 2020/094 – Illum ma' Steph – Stedina lill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/094 mibgħuta mill-AKL. F'dan l-istadju l-Kunsill mhux interessat jipparteċipa.

## 19.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

19.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 08/20, li tinkludi l-ammont ta' €126.67c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2020.

19.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 19.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm.

19.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |